

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Diċembru 2015 – Singapore Airlines u Singapore Airlines Cargo vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-43/11)<sup>(1)</sup>

[“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tal-ġarr ta’ merkanzija bl-ajru — Ftehimiet u prattiki miftiehma fuq diversi elementi tal-prezzjet tas-servizzi ta’ ġarr ta’ merkanzija bl-ajru (stabbiliment ta’ sovraxxi marbuta mal-karbunat u ta’ sovraxxi marbuta mis-sigurtà, rifiut ta’ ħlas ta’ kummissjoni fuq is-sovrataxxi) — Artikolu 101 TFUE, Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru — Obbligu ta’ motivazzjoni”]

(2016/C 048/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### **Partijiet**

Rikorrenti: Singapore Airlines Ltd (Singapor, Singapor); u Singapore Airlines Cargo Pte Ltd (Singapor) (rappreżentanti: inizjalment J. Kallaugher, J. Poitras, solicitors, J. Ruiz Calzado u É. Barbier de La Serre, avukati, sussegwentement J. Kallaugher, J. Poitras u J. Ruiz Calzado)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment S. Noë, N. von Lingen u J. Bourke, sussegwentment S. Noë, N. von Lingen u A. Dawes u finalment M. Dawes, aġenti, assistiti minn C. Brown, barrister)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Florindo Gijón u M. Simm, aġenti)

### **Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 7694 finali, tad-9 ta’ Novembru 2010, li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru (Każ COMP/39258 – Trasport ta’ merkanzija bl-ajru), sa fejn din tirrigwarda lir-rikorrenti, u, sussidjarjament, għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

### **Dispożittiv**

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 7694 finali, tad-9 ta’ Novembru 2010, li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru (Każ COMP/39258 – Trasport ta’ merkanzija bl-ajru), hija annullata, sa fejn din tirrigwarda lil Singapore Airlines Ltd u lil Singapore Airlines Cargo Pte Ltd.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbat i-l-ispejjeż tagħha kif ukoll l-ispejjeż sostnuti minn Singapore Airlines u minn Singapore Airlines Cargo Pte.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jibati l-ispejjeż tiegħi.

<sup>(1)</sup> ĠU C 89, 19.03.2011.